MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 232/2003

Il-Pulizija
(Spettur R. D'Anastas)
Vs

Tommy (Thomas) Mifsud

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Lulju, 2003 ghall-habta tat-15.30 hrs f'Misrah Narbona, Qormi :

1) bhala bejjiegh fit-toroq permess tal-van nru. IAT 608 nizzel kannestri bil-haxix fit-triq;
2) ipparkja l-vettura tieghu nru. IAT 608 li minnha kien qieghed ibiegh f'distanza ta' inqas minn 50 metru minn dhul ghal xi post kummercjali;

3) ipparkja l-imsemmija vettura f’distanza ta’ inqas minn 75 metru minn bejjiegh tat-triq iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Novembru, 2003 li biha wara li rat l-artikolu 30c tal-avviz legali 102/02 sabet lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal ammunizzjoni w riprensjoni filwaqt li tilliberah mit-tieni w t-tielet akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta’ Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tibdel u tirriforma s-sentenza appellata, billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn instabet htija fl-imputat fl-ewwel imputazzjoni w gie kkundannat ghal ammonizzjoni w riprensjoni, tirrevokaha fil-bqija, w minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija wkoll tal-istess appellat f’dawn l-akkuzi, u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat li l-aggravji ta’ l-Avukat Generali huma fis-sens illi l-Ewwel Qorti erronjament enuncjat disposizzjoni tal-ligi u cioe’ r-regolament 30 ta’ l-Avviz Legali nru. 102 tal-2002 fis-sens li jkun hemm ksur tar-regolament biss jekk jigi ppruvat li l-ksur tad-distanza ikun fir-rigward ta’ xi hanut kummercjali jew bejjiegh iehor li jkun qed ibiegh l-istess tip u xorta ta’ oggetti w merkanzija. Illi dan mhux minnu u johrog car mid-dicitura tar-regolament 30(1)(c) u (e) tal-Avviz Legali fuq citat u cioe’ li l-legizlatur ried l-osservanza stretta tad-distanzi preskritti bejn kwalunkwe tip ta’ stabiliment kummercjali jew bejjiegh fit-toroq u li m’hemmx ghalfejn li dik l-attivita’ kummercjali ghandha tkun ta’ l-istess genere jew xorta bhal dik ta’ min ma jkunx qed josserva d-distanzi regolamentari.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi fis-seduta tal-lum l-appellat, debitament notifikat imsejjah diversi drabi naqas li jidher.
Semghet it-trattazzjoni ta’ l-Avukat Prosekutur.

Ikkonsidrat :

Illi bhala fatt mix-xhieda PS 585 li tinsab traskritta fil-process jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni l-appellat kien flimkien ma’ diversi hawkers ohra armat f’Misrah Narbona, f’Hal-Qormi fit-28 ta’ Lulju 2003 wara nofs inhar. Dawn il-bejjiegha kienu inqas minn hamsin metru minn xulxin u inqas minn hamsin metru wkoll mill-hwienet. Dan ix-xhud qal ukoll li ma kellhomx complaints dwar dan il-fatt la minghand il-bejjiegha nnifishom u lanqas minn ghand tal-hwienet li l-generu taghhom ma kellu x’jaqsam xejn ma’ dak li kien qed ibiegh l-appellat.

Illi fil-motivazzjoni taghha fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet li hija kienet tal-fehma illi l-artikolu (Sic) citat fic-cittazzjoni irid jifthiem bis-sens u cioe’ illi m’ghandux ikun hemm kompetizzjoni bejn hanut illi jiehu l-isbriga li jhallas tal-post, ihallas dawl u ilma w ghal manutenzjoni tal-hanut biex imbaghad ikollu kompetizzjoni ta’ bejjiegh iehor illi jigi bit-trakk tieghu.

Illi pero’ kif sewwa issottometta l-abbli prosekutur ir-regolament 30 tal-Avviz Legali A.L. 102 tal-2002 jiddisponi testwalment li :-

*(1)Bejjiegh fit-toroq jista’ jiggestixxi l-attivita’ kummerjali tieghu minn kull imkien f’kull triq jew billi jbiegh bl-imnut fit-triq jew billi jipparkja l-vettura tieghu bla hsara ghal dawn il-kondizzjonijiet li gejjien:-*

……………………………….

(c) “*li l-post fejn jipparkja l-vettura tieghu ma jkunx f’distanza li timxiha ta’ 50 metru mid-dhul* ***ghal xi post kummerciali”*** **(emfasi tal-Qorti)**

…………………………….

(e) “*li l-bejjiegha fit-toroq jipparkjaw il-vetturi taghhom f’distanza li timxiha ta’ mill-anqas 75 metru ‘l boghod* ***minn xulxin”*** **(emfasi tal-Qorti).**

Illi mill-istezura ta’ dan ir-regolament jidher car u manifest li l-legizlatur ma ghamel l-ebda distinzjoni bejn vicinanza

ma bejjiegha ohra jew hwienet li jkollhom l-istess generu ta’ negozju w ohrajn li jkun qed jiggestixxu negozju ta’ generu differenti minn dak tal-bejjiegh li jkun qed jigi processat.

Illi f’dan il-kaz japplika zgur l-afforizmu legali “Ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus”.

U ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx taghmel din id-distinzzjoni li ma tohrog mill-ligi u li bhala konsegwenza taghha waslet biex illiberat lill-appellat mill-htija dwar it-tieni w t-tielet imputazzjoni.

Ghalhekk l-appell ta’ l-Avukat Generali jidher ben fondat.

Konsegwentement il-Qorti qed tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu ghal ammonizzjoni u represjoni u tirrevokaha in kwantu illiberat lill-appellat mit-tieni w t-tielet imputazzjoni u minflok issibu hati tal-istess zewg imputazzjonijiet u wara li rat r-regolament 30 (1)(c)u (e) u 50 tal-Avviz Legali nru. 102 tal-2002 u l-artikolu 29 (a) ta’ l-Att XXVII tat-2001 tikkundannah ghal piena ta’ ammenda ta’ hamsin lira Maltin (LM50) fuq it-tieni imputazzjoni w ammenda ta’ hamsin lira Maltin (LM50) ghat-tielet imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------